



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2009/0099(COD)

19.3.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni
(COM(2009)0362 – C7-0096/2009 – 2009/0099(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ole Christensen

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Bħala segwitu għar-Rapport Larosière li ġie ppreżentat fir-Rebbiegħa tal-2009, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji tistipula prinċipji dwar l-istruttura ta' rimunerazzjoni, il-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki sodi ta' rimunerazzjoni (governanza), l-iżvelar tal-politiki ta' rimunerazzjoni lill-partijiet interessati u l-kontroll prudenti (superviżjoni) fis-settur finanzjarju.

Permezz tal-emendar tad-Direttivi dwar ir-Rekwiżiti Kapitali 2006/48/KE u 2006/49/KE, dawn il-prinċipji l-Kummissjoni biħsiebha tagħmilhom vinkolanti, billi tpoġġi l-politiki ta' rimunerazzjoni tal-banek u l-impriżi ta' investment taħt kontroll prudenti¹. Dan jista' jsir billi jiġu imposti miżuri kwalitattivi (li jkunu jirrikjedu li jitnaqqsu r-riskji inerenti fl-istrutturi ta' rimunerazzjoni tagħhom) jew miżuri kwantitattivi (li jkunu jirrikjedu li jkollhom fondi proprji addizzjonali) u iktar minn hekk billi jiġu imposti penali finanzjarji f'każ ta' ksur tal-prinċipji stipulati fid-Direttiva.

Ir-rapporteur huwa sodisfatt li d-Direttivi dwar ir-Rekwiżiti Kapitali 2006/48/KE u 2006/49/KE qed jiġu emendati, iżda jemmen li din il-ħidma bdiet tard wisq. Ħafna mill-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika setgħu jiġu evitati kieku kien hemm iktar kontroll u regolamentazzjoni. Għalhekk, l-emendar tad-Direttivi għandu jintuża biex jiġi żgurat li qatt ma nerġgħu nsibu rwieħna f'sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika simili. Ir-rapporteur jitlob li jkun hemm governanza paragunabbli u mekkaniżmi ta' superviżjoni prudentzjali għall-politiki ta' rimunerazzjoni f'dawk l-oqsma tas-settur finanzjarju li mhumiex koperti b'dawn id-Direttivi (l-assigurazzjonijiet, il-fondi ta' investment alternattivi, eċċ.).

L-emendi li l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali qiegħed jipproponi huma maħsuba biex:

- jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, jiġifieri l-kategoriji tal-istaff li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investment;
- jiżguraw li meta l-istruttura ta' rimunerazzjoni fis-settur finanzjarju tkun qed tiġi rregolata, dan ma jsirx għad-detriment tad-dritt tas-sħab soċjali għal negozjar kollettiv. Dan għandu jkun speċifikat fit-test innifsu tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali, u mhux biss fil-preambolu tagħha.
- isaħħu d-dispożizzjonijiet dwar l-istruttura ta' ħlas u l-allinjament tar-riskju – ħlas fiss versus ħlas varjabbli, flus kontanti versus ishma jew strumenti bħal ishma, ħlas differit, akkwiżizzjoni ta' drittijiet, irkupru ta' fondi investiti (claw back) – kif meħtieġ skont il-prinċipji stabbiliti mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja u kif approvat internazzjonalment mill-G-20 fis-Samit ta' Pittsburg fl-24 u l-25 ta' Settembru 2009, u kif propost mill-Presidenza tal-Kunsill;

¹ Il-proposta tal-Kummissjoni tindirizza wkoll ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, li madankollu jaqgħu barra mill-mandat ta' kompetenzi tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u għalhekk jaqgħu barra wkoll mill-ambitu ta' din l-Opinjoni.

- jimponu rekwiżit iktar radikali ta' trasparenza fir-rigward tal-iżvelar tal-politiki ta' rimunerazzjoni vis-à-vis l-partijiet interessati kollha (l-azzjonisti, l-impjegati, il-pubbliku, il-gvern) u biex jintroduċu dritt ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati permezz tal-kunsilli tal-ħaddiema;
- jinkludu miri ta' responsabilità soċjali korporattiva fil-kriterji fit-tul li jiġġustifikaw il-ħlas ta' rimunerazzjoni varjabbli differita;
- jirrikjedu t-twaqqif, fil-banek u fl-impriżi ta' investment ta' daqs konsiderevoli, ta' kumitati ta' rimunerazzjoni indipendenti, li għandhom jikkoperaw mal-funzjoni ta' riskju u ta' konformità sabiex jissalvagwardjaw l-inċentivi maħluqa għall-immaniġġjar tar-riskju, il-kapital u l-likwidità.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) It-teħid eċċessiv u imprudenti ta' riskji fis-settur bankarju wassal għall-falliment ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u għal problemi sistemċi fl-Istati Membri u globalment. Filwaqt li l-kawżi ta' dan it-teħid tar-riskji huma ħafna u kumplessi, hemm qbil mis-superviżuri u korpi regolatorji, fosthom il-G20 u l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej, li l-istrutturi inadegwati tar-rimunerazzjoni ta' xi istituzzjonijiet finanzjarji kienu fattur kontributorju. Politiki dwar ir-rimunerazzjoni li jagħtu inċentivi sabiex jittieħdu riskji li jaqbżu l-livell ġenerali tar-riskju ttollerat mill-istituzzjoni jistgħu jimminaw l-immaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji u jiggravaw l-imġiba tat-teħid

Emenda

(1) It-teħid eċċessiv u imprudenti ta' riskji fis-settur bankarju wassal għall-falliment ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u għal problemi sistemċi fl-Istati Membri u globalment. Filwaqt li l-kawżi ta' dan it-teħid tar-riskji huma ħafna u kumplessi, hemm qbil mis-superviżuri u korpi regolatorji, fosthom il-G20 u l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej, li l-istrutturi inadegwati tar-rimunerazzjoni ta' xi istituzzjonijiet finanzjarji kienu fattur kontributorju. Politiki dwar ir-rimunerazzjoni li jagħtu inċentivi sabiex jittieħdu riskji li jaqbżu l-livell ġenerali tar-riskju ttollerat mill-istituzzjoni jistgħu jimminaw l-immaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji u jiggravaw l-imġiba tat-teħid eċċessiv tar-riskji. ***Il-prinċipji stabbiliti***

eċċessiv tar-riskji.

mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB), maqbula u approvati internazzjonalment, huma ta' importanza partikolari f'dan il-kuntest.

Emenda 2

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Sabiex jiġi indirizzat l-effett detrimentali potenzjali ta' strutturi ta' rimunerazzjoni mfassla ħażin fuq l-immaniġġjar tajjeb tar-riskji u l-kontroll tal-imġiba tat-teħid tar-riskju mill-individwi, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jiġu ssupplimentati minn obbligu ċar għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investment sabiex jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' ħaddiema li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, politiki u prattiċi ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji.

Emenda

(3) Sabiex jiġi indirizzat l-effett detrimentali potenzjali ta' strutturi ta' rimunerazzjoni mfassla ħażin fuq l-immaniġġjar tajjeb tar-riskji u l-kontroll tal-imġiba tat-teħid tar-riskju mill-individwi, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jiġu ssupplimentati minn obbligu ċar għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investment sabiex jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' ħaddiema li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali ***ċar*** fuq il-profil tar-riskju tagħhom, politiki u prattiċi ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. ***Dawn il-kategoriji ta' persunal għandhom tal-anqas jinkludu manijers ta' livell għoli, persuni li jieħdu r-riskju u funzjonijiet ta' kontroll.***

Emenda 3

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Minħabba li teħid tar-riskji eċċessiv u imprudenti jista' jimmina s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji u jiddestabbilizza s-sistema bankarja, huwa importanti li l-obbligu l-ġdid rigward il-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni

Emenda

(4) Minħabba li teħid tar-riskji eċċessiv u imprudenti jista' jimmina s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji u jiddestabbilizza s-sistema bankarja, huwa importanti li l-obbligu l-ġdid rigward il-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni

għandu jiġi implimentat b' mod konsistenti. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati prinċipji bażiċi dwar rimunerazzjoni għaqlija sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tar-rimunerazzjoni ma tinkoraġġix teħid eċċessiv ta' riskji mill-individwi u tkun allinjata mal-aptit ta' riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni. Sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni jkun integrat fl-immaniġġjar tar-riskji tal-istituzzjoni finanzjarja, il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew impriża tal-investment għandu jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu applikati, u l-politiki għandhom ikunu soġġetti għal mill-anqas reviżjoni interna indipendenti kull sena.

għandu jiġi implimentat b' mod konsistenti. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati prinċipji bażiċi ***ċari u trasparenti*** dwar rimunerazzjoni għaqlija, ***stabbilti bl-involviment tal-membri tal-persunal u r-rappreżentanti tagħhom fi ħdan l-impriża***, sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tar-rimunerazzjoni ma tinkoraġġix teħid eċċessiv ta' riskji mill-individwi u tkun allinjata mal-aptit ta' riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ***u l-impjegati tal-istituzzjoni***. Sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni jkun integrat fl-immaniġġjar tar-riskji tal-istituzzjoni finanzjarja, il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew impriża tal-investment għandu jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu applikati, u l-politiki għandhom ikunu soġġetti għal mill-anqas reviżjoni interna indipendenti kull sena. ***L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investment ta' daqs sinifikanti għandhom iwaqqfu kumitati ta' rimunerazzjoni interni u indipendenti bħala parti mill-istruttura ta' governanza tagħhom. Il-kumitati ta' rimunerazzjoni għandhom jikkoperaw mal-funzjoni ta' riskju u ta' konformità sabiex jissorveljaw l-inċentivi maħluqa għall-immaniġġjar tar-riskju, il-kapital u l-likwidità.***

Emenda 4

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Il-politika dwar ir-rimunerazzjoni għandha tfittex li tallinja l-għanijiet personali tal-membri tal-persunal mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-impriża ta' investment konċernata. Il-valutazzjoni tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni għandha tkun ibbażata fuq prestazzjoni

Emenda

(5) Il-politika dwar ir-rimunerazzjoni għandha tfittex li tallinja l-għanijiet personali tal-membri tal-persunal mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-impriża ta' investment konċernata. Il-valutazzjoni tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni għandha tkun ibbażata fuq prestazzjoni

aktar fit-tul u tqis ir-riskji pendenti assoċjati mal-prestazzjoni. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi stabbilita f'qafas multiannwali, pereżempju ta' tlieta sa ħames snin, sabiex jiġi żgurat li l-proċess ta' valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifruq fuq iċ-ċiklu kummerċjali tal-kumpanija.

aktar fit-tul u tqis ir-riskji pendenti assoċjati mal-prestazzjoni. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi stabbilita f'qafas multiannwali, pereżempju ta' tlieta sa ħames snin, sabiex jiġi żgurat li l-proċess ta' valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifruq fuq iċ-ċiklu kummerċjali tal-kumpanija. ***Il-miri tar-responsabilità soċjali tal-kumpaniji u tal-iżvilupp sostenibbli għandhom jiġu inklużi fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni aktar fit-tul li tiġġustifika l-ħlas tar-rimunerazzjonijiet varjabbli differita, permezzempju permezz tal-użu tal-mudell tal-Fondazzjoni Ewropea għall-Immnaigġjar tal-Kwalità (EFQM).***

Emenda 5

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 5 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Ir-rimunerazzjoni varjabbli garantita mhijiex kompatibbli mal-immnaigġjar sod tar-riskji u mal-prinċipju ta' rimunerazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni u m'għandhiex tkun inkluża fl-ippjanar ta' strateġija ta' rimunerazzjoni u, bħala regola ġenerali, għandha tkun ipprojbita.

Emenda 6

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 5 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) Fit-tfassil tal-punti u l-oġġettivi li abbażi tagħhom se tiġi evalwata l-prestazzjoni fit-tul, għandhom jitqiesu mhux biss il-prestazzjonijiet u r-riskji relatati, iżda wkoll il-prestazzjoni u l-

objettivi fil-qasam tar-responsabilità soċjali, li sa ċertu punt jagħmlu aċċettabbli l-ħlas ta' rimunerazzjoni varjabbli differita.

Ġustifikazzjoni

Ħafna aspetti tal-argumenti ekonomiċi huma ta' natura intuwittiva u jikkonċernaw sforzi ikbar biex jinżammu l-impjiegi u tiżdied l-attività tal-ħaddiema, żieda tal-produttività, titjib tar-relazzjonijiet mal-komunitajiet lokali u l-partijiet prinċipali kkonċernati direttament jew indirettament. Mudell kummerċjali li jinkludi r-responsabilità soċjali tal-kumpaniji jista' jikkostitwixxi wkoll sors ta' innovazzjoni abbażi ta' kriterji ta' kwalità tas-servizzi u affidabilità. Madankollu, waħda mill-forzi mexxejja prinċipali tar-responsabilità soċjali tal-kumpaniji hija l-immaniġġjar u l-prevenzjoni tar-risjki.

Emenda 7

**Proposta għal direttiva – att li jemenda
Premessa 5 c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5c) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jew l-impriżi ta' investiment għandhom jiżguraw li r-rimunerazzjoni totali varjabbli tagħhom ma tillimitax il-kapaċità tagħhom li jsaħħu l-bażi tal-kapital tagħhom. Il-punt safejn il-kapital jeħtieġ li jinbena għandu jkun funzjoni tal-pożizzjoni attwali tal-kapital ta' istituzzjoni jew impriża. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li jillimitaw ir-rimunerazzjoni varjabbli, inter alia, bħala perċentwali tad-dħul nett totali meta dan ma jkunx konsistenti maż-żamma ta' bażi tal-kapital soda.

Emenda 8

**Proposta għal direttiva – att li jemenda
Premessa 5 d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5d) Il-manijers tal-istituzzjonijiet ta'

kreditu jew tal-impriżi ta' investiment għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal tagħhom jimpenjaw ruħhom li ma jużawx strateġiji tal-iħħeġġjar jew assigurazzjoni personali li jdgħajfu l-effetti tal-allinjament tar-riskju integrat fl-arranġamenti ta' rimunerazzjoni tagħhom.

Emenda 9

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) *Ir-Rakkomandazzjoni* tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji ***tistabbilixxi prinċipji dwar politiki ta' rimunerazzjoni għaqlija dwar kif il-kumpaniji jistgħu jissodisfaw dan l-obbligu, li huma konsistenti ma' u jikkumplimentaw il-prinċipji ppreżentati f'din id-Direttiva.***

Emenda

(6) *Il-prinċipji rigward il-politiki ta' rimunerazzjoni sodi stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni* tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji huma konsistenti mal-prinċipji ta' stipulati f'din id-Direttiva u jikkomplementawhom.

Emenda 10

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Minħabba li politiki dwar rimunerazzjoni u skemi ta' inċentivi mfassla ħażin jistgħu jżidu r-riskji li jkunu esposti għalihom l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għal livell inaċċettabbli, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jimponu miżuri kwalitattivi jew kwantitattivi fuq l-entitajiet rilevanti li jkunu mfassla sabiex jindirizzaw problemi li jkunu ġew identifikati b'rabta mal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni fir-reviżjoni superviżorja tal-Pilastru 2. Il-miżuri kwalitattivi

Emenda

(11) Minħabba li politiki dwar rimunerazzjoni u skemi ta' inċentivi mfassla ħażin jistgħu jżidu r-riskji li jkunu esposti għalihom l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għal livell inaċċettabbli, ***għandha tittieħed azzjoni ta' rimedju fil-pront u, jekk ikun neċessarju, għandhom jittieħdu miżuri korrettivi xierqa. Konsegwentement,*** huwa xieraq li ***jiġi żgurat li*** l-awtoritajiet kompetenti ***jkollhom is-setgħat li*** jimponu miżuri kwalitattivi jew kwantitattivi fuq l-entitajiet rilevanti li jkunu mfassla sabiex

disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti jinkludu li jitolbu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew lill-impriżi ta' investiment sabiex inaqqsu r-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti jew is-sistemi tagħhom, fosthom strutturi ta' rimunerazzjoni sal-punt li jkunu inkonsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. Il-miżuri kwantitattivi jinkludu rekwiżit li jkollhom fondi proprji addizzjonali.

jindirizzaw problemi li jkunu ġew identifikati b'rabta mal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni fir-reviżjoni superviżorja tal-Pilastru 2. Il-miżuri kwalitattivi disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti jinkludu li jitolbu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew lill-impriżi ta' investiment sabiex inaqqsu r-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti jew is-sistemi tagħhom, fosthom strutturi ta' rimunerazzjoni sal-punt li jkunu inkonsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. Il-miżuri kwantitattivi jinkludu rekwiżit li jkollhom fondi proprji addizzjonali.

Emenda 11

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Sabiex jiżguraw trasparenza adegwata lis-suq rigward l-istrutturi tagħhom ta' rimunerazzjoni u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jiżvelaw informazzjoni dwar il-politiki u l-prattiċi tagħhom ta' rimunerazzjoni għal dawk ***l-impjegati*** li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Madankollu, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data.

Emenda

(12) Sabiex jiżguraw trasparenza adegwata lis-suq rigward l-istrutturi tagħhom ta' rimunerazzjoni u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jiżvelaw informazzjoni ***dettaljata*** dwar il-politiki u l-prattiki tagħhom ta' rimunerazzjoni ***u, minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, l-ammonti aggregati*** għal dawk ***il-membri tal-persunal u manigġers*** li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. ***Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-partijiet interessati kollha (l-azzjonisti, l-impjegati u l-pubbliku ġenerali)***. Madankollu, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data. ***Ir-rwol tal-kunsilli tal-ħaddiema Ewropej għandu jiġi rispettat fir-rigward tal-forniment ta'***

Emenda 12

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 26 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(26a) Il-Bank Ċentrali Ewropew ġie
kkonsultat.**

Emenda 13

Proposta għal direttiva – att li jemenda Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt b Direttiva 2006/48/KE Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politiki tajba għar-rimunerazzjoni li jaqblu mal-prinċipji stipulati fil-punt 22 tal-Anness V. Il-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej għandu jikkopera mill-qrib mal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej fl-iżgurar tal-eżistenza ta' linji gwida dwar il-politika tar-rimunerazzjoni għal ħaddiema involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u attivitajiet *skont* it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji.

3. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politiki tajba għar-rimunerazzjoni li jaqblu mal-prinċipji stipulati fil-punt 22 tal-Anness V. ***Il-linji gwida għandhom iqisu wkoll il-prinċipji dwar politiki soda tar-rimunerazzjoni stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki tar-rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji.*** Il-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej għandu jikkopera mill-qrib mal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej fl-iżgurar tal-eżistenza ta' linji gwida dwar il-politika tar-rimunerazzjoni għal ħaddiema involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u attivitajiet ***fi ħdan*** it-tifsira ***tal-punt 2 tal-Artikolu 4(1)*** tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji.

Emenda 14

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 9 – paragrafu 1 a (ġdid)

Direttiva 2006/48/KE

Artikolu 136 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt e a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fl-Artikolu 136(1), il-punt li ġej huwa miżjud:

“(ea) jobbligaw lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu biex jillimitaw ir-rimunerazzjoni varjabbli bħala perċentwali tad-dħul totali nett fejn ikun meħtieġ biex tinżamm bażi kapitali soda.”

Emenda 15

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 9 – paragrafu 2

Direttiva 2006/48/KE

Artikolu 136 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-finijiet li jiġi stabbilit il-livell xieraq ta’ fondi proprji ***fil-proċess ta’ reviżjoni superviżorja mwettaq*** skont l-Artikolu 124, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk tkunx meħtieġa xi impożizzjoni ta’ rekwiżit speċifiku dwar fondi proprji li jaqbeż il-livell minimu sabiex jaqbad riskji li istituzzjoni ta’ kreditu tista’ tkun esposta għalihom, billi tikkunsidra dawn li ġejjin:

Għall-finijiet li jiġi stabbilit il-livell xieraq ta’ fondi proprji ***abbażi tar-reviżjoni u l-ewalwazzjoni mwettaq*** skont l-Artikolu 124, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk tkunx meħtieġa xi impożizzjoni ta’ rekwiżit speċifiku dwar fondi proprji li jaqbeż il-livell minimu sabiex jaqbad riskji li istituzzjoni ta’ kreditu tista’ tkun esposta għalihom, billi tikkunsidra dawn li ġejjin:

Emenda 16

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 9 – paragrafu 2

Direttiva 2006/48/KE

Artikolu 136 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-eżitu **tal-proċess ta' reviżjoni superviżorja mwettaq** skont l-Artikolu 124."

Emenda

(c) l-eżitu **tar-reviżjoni u l-valutazzjoni mwettqa** skont l-Artikolu 124.

Emenda 17

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplexità tal-attivitajiet tagħhom:

Emenda

22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali **ċar** fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplexità tal-attivitajiet tagħhom:

Emenda 18

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti ma' u tippromwovi mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji **u** ma tinkoraġġix teħid tar-riskju li jaqbeż il-livell ta' riskju ttollerat tal-istituzzjoni ta' kreditu;

Emenda

(a) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti ma' u tippromwovi mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji, ma tinkoraġġix teħid tar-riskju li jaqbeż il-livell ta' riskju ttollerat tal-istituzzjoni ta' kreditu **u tkun tinkludi miżuri biex jiġu evitati l-konflitti ta' interess;**

Emenda 19

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) tal-istituzzjoni ta' kreditu **jistabilixxi l-prinċipji** ġenerali tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha;

Emenda

(c) il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) tal-istituzzjoni ta' kreditu **jadotta u jirrevedi per jodikament il-prinċipji** ġenerali tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha;

Emenda 20

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) issir valutazzjoni individwali tal-pożizzjoni tal-membri rilevanti tal-persunal biex jiġi ddeterminat jekk għandhomx impatt materjali fuq il-profil tar-riskju; il-maniġers ta' livell għoli u l-membri tal-persunal impenjati fil-funzjonijiet ta' kontroll, fi kwalunkwe każ, jitqiesu li jikkostitwixxu kategoriji tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment;

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun hemm kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward tal-kategoriji tal-persunal. Din id-direttiva għandha tapplika biss għal persunal li għandu impatt materjali ċar fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi finanzjarji.

Emenda 21

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt d b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) il-membri tal-persunal impenjati fil-funzjonijiet ta' kontroll ikunu indipendenti mill-unitajiet tan-negozju li jissorveljaw, ikollhom l-awtorità adatta, u jkollhom kumpens skont l-ilħiq tal-objettivi marbuta mal-funzjonijiet tagħhom, indipendentement mill-prestazzjoni tal-oqsma tan-negozju li huma jikkontrollaw;

Emenda 22

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Annex 1 – point 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt e a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tkun stabbilita f'qafas pluriennali fuq perjodu ta' mill-inqas tliet snin sabiex jiġi żgurat li l-proċess ta' valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq perijodu li jieħu kont taċ-ċiklu kummerċjali tal-impriża u r-riskji kummerċjali tagħha;

Emenda 23

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Annex 1 – point 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt e a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(ea) huwa pprojbit li jiġu kostitwiti
komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni
minn stock options jew strumenti simili;***

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza riċenti wriet li l-użu tal-għażliet tal-istokk jew ta' strumenti simili bħala komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni jiffavorixxi direzzjoni għaż-żmien qasir tal-manipulazzjonijiet maħsuba biex ikabbru l-valur tal-ishma tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u teħid ta' riskji eċċessiv, li hija mġiba li din il-proposta għandha l-għan li tiskoraġġixxi.

Emenda 24

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt e b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(eb) ir-rimunerazzjoni totali varjabbli ma
tkunx tillimita l-kapaċità tal-istituzzjoni
ta' kreditu biex issaħħaħ il-bażi kapitali
tagħha;***

Emenda 25

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt e c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(ec) ir-rimunerazzjoni varjabbli garantita
tkun straordinarja u sseħħ biss fil-kuntest
tar-reklutaġġ ta' persunal ġdid u tkun
limitata għall-ewwel sena ta' impjeg;***

Emenda 26

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Anness 1 – punt 1
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) *Il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika **kompletament flessibbli dwar il-bonusijiet**, fosthom il-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda **bonus**;

Emenda

(f) *il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika **ristrettiva f'dak li jikkonċerna l-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni**, fosthom il-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda **komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni**;

Emenda 27

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Anness I – punt 1
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) il-kejl tal-prestazzjoni li jintuża sabiex jiġu kkalkulati **bonusijiet** jew raggruppamenti ta' **bonusijiet** jinkludi aġġustament **għar-riskji** preżenti u futuri u jqis *il-prezz* tal-kapital u l-likwidità meħtieġa;

Emenda

(h) il-kejl tal-prestazzjoni li jintuża sabiex jiġu kkalkulati **l-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni** jew raggruppamenti ta' **komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni jkun** jinkludi aġġustament **għat-tipi kollha ta' riskji** preżenti u futuri u jqis *il-kost* tal-kapital u l-likwidità meħtieġa;

Emenda 28

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Anness I – punt 1
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Taqsima 11 – paragrafu 22 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) *il-ħlas tal-parti prinċipali ta' bonus sinifikanti* jiġi ddifferit **għal** perjodu

Emenda

(i) *tal-anqas 40 % tal-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni* jiġi ddifferit

xieraq u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni.

fuq perjodu ta' mhux inqas minn tliet snin u jkun allinjat b'mod korrett man-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal inkwistjoni; ir-rimunerazzjoni pagabbli skont l-arranġamenti ta' differiment ma għandhiex tkun akkwiżita aktar malajr minn bażi prorata; fil-każ ta' komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni ta' ammont partikolarment għoli, tal-anqas 60 % tal-ammont ikun differit.

Emenda 29

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt i a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) ir-rimunerazzjoni varjabbli, inkluż il-porzjon differit, titħallas jew tkun akkwiżita biss jekk tkun sostenibbli fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni ta' kreditu fl-intier tagħha, u tkun iġġustifikata fir-rigward tal-prestazzjoni tal-unità kummerċjali u l-individwu konċernat; jekk kollox jibqa' l-istess, ir-rimunerazzjoni varjabbli totali titnaqqas konsiderevolment meta l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha prestazzjoni finanzjarja baxxa jew negattiva;

Emenda 30

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V – Taqsima 11 – punt 22 – punt i b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ib) il-membri tal-persunal jimpenjaw ruħhom li ma jużawx strateġiji ta' kopertura personali jew assigurazzjonijiet

relatati mar-rimunerazzjoni jew mar-responsabilità li jdgħajfu l-effetti tal-allinjament tar-riskju integrat fl-arranġamenti ta' rimunerazzjoni tagħhom.

Emenda 31

**Proposta għal direttiva – att li jemenda
Anness I – punt 1
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Taqsima 11 – punt 22 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

22a. Istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu sinifikanti fir-rigward tad-daqs tagħhom, fir-rigward tal-organizzazzjoni interna tagħhom kif ukoll fir-rigward tan-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom għandhom, ħliet f'każijiet straordinarji, jistabbilixxu kumitat ta' rimunerazzjoni. Dan il-kumitat ta' rimunerazzjoni għandu jkun magħmul b'mod li jkun jista' jeżerċita għodda kompetenti u indipendenti dwar il-politiki u l-prattiki tar-rimunerazzjoni u l-inċentivi maħluqa għall-immaniġġjar tar-riskju, il-kapital u l-likwidità.

Il-kumitat ta' rimunerazzjoni għandu jkun responsabbli għat-tnejn ta' deċiżjonijiet rigward ir-rimunerazzjoni, inklużi dawk li jkollhom implikazzjonijiet għar-riskju u għall-immaniġġjar tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu konċernata u li jkollhom jittieħdu mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu. Il-kumitat ta' rimunerazzjoni għandu jkun ippresedut minn membru tal-korp maniġerjali li ma jwettaq l-ebda funzjoni eżekuttiva fl-istituzzjoni ta' kreditu konċernata.

Emenda 32

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 1

Direttiva 2006/48/KE

Anness V - taqsima 11 - punt 22 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

22b. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw mas-sħab soċjali, jagħtuhom, fil-livell xieraq u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat, il-fakultà li jżommu jew li jikkonkludu ftehimiet kollettivi li, filwaqt li jirrispettaw l-iskop tal-politiki ta' rimunerazzjoni bbilanċjati, jistabbilixxu arranġamenti li jkunu adegwati fir-rigward tal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali u jkunu differenti minn dawk imsemmijin fl-Anness V.

Emenda 33

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 4 – punt c

Direttiva 2006/48/KE

Anness XII – Parti 2 – punt 15 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

15. Għandha tiġi żvelata l-informazzjoni li ġejja dwar il-politika u l-prattiki tar-rimunerazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom:

15. Għandha tiġi żvelata **lill-pubbliku** l-informazzjoni li ġejja, **inklużi l-aġġornamenti regolari**, dwar il-politika u l-prattiki tar-rimunerazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom:

Emenda 34

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 4 – punt c

Direttiva 2006/48/KE

Anness XII – Parti 2 – punt 15 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) informazzjoni dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jintuża sabiex tiġi stabbilita l-politika dwar ir-rimunerazzjoni, fosthom fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-kompożizzjoni u l-mandat ta' kumitat għar-rimunerazzjoni, ***l-isem tal-konsulent*** estern li s-servizzi tiegħu ntużaw biex tiġi stabbilita l-politika dwar ir-rimunerazzjoni u l-irwol tal-partijiet interessati rilevanti;

Emenda 35

**Proposta għal direttiva – att li jemenda
Anness I – punt 4 – punt c**
Direttiva 2006/48/KE
Anness XII – Parti 2 – punt 15 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-kejl tal-prestazzjoni u l-aġġustament tar-riskju;

Emenda 36

**Proposta għal direttiva – att li jemenda
Anness I – punt 4 – punt e**
Direttiva 2006/48/KE
Anness XII – Parti 2 – punt 15 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-parametri u l-ġustifikazzjoni prinċipali għal kwalunkwe skema ta' ***bonusijiet*** u kull benefiċċju ieħor mhux fi flus kontanti.

Emenda

(a) informazzjoni dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jintuża sabiex tiġi stabbilita l-politika dwar ir-rimunerazzjoni, fosthom fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-kompożizzjoni u l-mandat ta' kumitat għar-rimunerazzjoni, ***il-konsulent*** estern li s-servizzi tiegħu ntużaw biex tiġi stabbilita l-politika dwar ir-rimunerazzjoni u l-irwol tal-partijiet interessati rilevanti;

Emenda

(c) ***il-karatterestiċi l-aktar importanti tat-tfassil tas-sistema tar-rimunerazzjoni, fosthom l-informazzjoni*** dwar il-kriterji użati għall-kejl tal-prestazzjoni u l-aġġustament tar-riskju, ***il-politika ta' differiment u l-kriterji tal-akkwiżizzjoni;***

Emenda

(e) il-parametri u l-ġustifikazzjoni prinċipali għal kwalunkwe skema ta' ***komponent varjabbli*** u kull benefiċċju ieħor mhux fi flus kontanti.

Emenda 37

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Anness I – punt 4 – punt c

Direttiva 2006/48/KE

Anness XII – Parti 2 – punt 15 – punt e a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-rimunerazzjoni, maqsuma skont il-manigġers ta' livell għoli u l-membri tal-persunal li l-azzjonijiet tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu, li tindika dan li ġej:

(i) id-daqs tar-rimunerazzjoni għas-sena finanzjarja, maqsum f'rimunerazzjoni fissa u varjabbli, u l-għadd ta' benefiċjarji;

(ii) id-daqs u l-forma tar-rimunerazzjoni varjabbli, maqsum, inter alia, fi flus kontanti, ishma u strumenti marbutin ma' ishma;

(iii) id-daqs tar-rimunerazzjoni differita pendenti, maqsum f'porzjonijiet akkwiziżiti u mhux akkwiziżiti;

(iv) id-daqs tar-rimunerazzjoni differita mogħtija matul is-sena finanzjarja, imħallsa u mnaqqsa permezz ta' aġġustamenti skont il-prestazzjoni;

(v) id-daqs tal-ħlasijiet għal reklutaġġi ġodda u għal terminazzjonijiet li jkunu saru matul is-sena finanzjarja, u l-għadd ta' benefiċjarji ta' tali ħlasijiet; u

(vi) id-daqs tal-ħlasijiet għal terminazzjonijiet mogħtija matul is-sena finanzjarja, l-għadd ta' benefiċjarji, u l-ogħla għotja ta' dan it-tip lil persuna waħda.

PROCĊEDURA

Titolu	Ir-reqwiziti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni		
Referenzi	COM(2009)0362 – C7-0096/2009 – 2009/0099(COD)		
Kumitat responsabbli	ECON		
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 14.9.2009		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Ole Christensen 6.10.2009		
Eżami fil-kumitat	27.1.2010	4.3.2010	16.3.2010
Data tal-adozzjoni	17.3.2010		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	35 4 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Pervenche Berès, Milan Cabrnoch, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Sergio Gaetano Cofferati, Marije Cornelissen, Karima Delli, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Ilda Figueiredo, Pascale Gruny, Thomas Händel, Marian Harkin, Roger Helmer, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Patrick Le Hyaric, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Siiri Oviir, Rovana Plumb, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jürgen Creutzmann, Julie Girling, Dieter-Lebrecht Koch, Csaba Sógor, Emilie Turunen		